Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 29– L-Erbgha 21 ta' Gunju 2017**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Bernard Carabott | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għad-decking taż-Żewwieqa fejn għarraf lill-kunsilliera li din is-sena, bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, ser issir parti minnu.

3.2 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li nqalgħet b'vandalizmu t-tabella fil-bajja taż-Żewwieqa li tindika sabiex ma jgħumux klieb. Sar qbil li din għandha terġa teħel fil-post minnufih billi nordnaw waħda ġdida.

3.3 Is-Sindku rrefera għall-opportunita' li nqalgħet sabiex grupp ta' żgħażagħ minn Għajnsielem jippartecipaw f'Youth Exchange f'Madrid bejn it-8 u l-15 ta' Lulju 2017. Għal dan il-proġett il-Kunsill ser ikun allokat is-somma ta' €2750. Marbuta ma' din l-exchange ser ikun hemm pre-visit mid-9 sal 11 ta' Ġunju li għalija huwa mistieden wieħed mill-leaders. Il-Kunsill qabel li bħala leaders għal din l-exchange ikunu l-kunsillier Larry Buttigieg u Nicholas Haber li ġab il-kuntatti u l-istedina ta' din l-exchange. Sar qbil ukoll li bħala kontribuzzjoni tal-partecipazzjoni tagħhom il-parteċipanti jħallsu €120 u l-leaders ma jħallsux. Sar qbil li għandhom jittellgħu xi tokens biex jiġu preżentati lil-leaders tal-pajjiżi l-oħra.

3.4 Is-Sindku għamel referenza wkoll għal fatt li l-Proġett tan-Network of Towns li applikajna għalih flimkien mal-Kunsill tal-Għarb ġie magħżul. Huwa semma' kif għal dan il-proġett globali hemm ivvotati €100,000 u jitqassam fuq sentejn. Bħala parteċipanti hemm Għarb, Għajnsielem, Tolfa, San Polo di Cavalieri, Portugal u Slovenia. Ser isiru diversi skambji u konferenzi f'dawn il-pajjiżi fejn preżenti għalihom ikun hemm nies minn kull pajjiż involut. Il-Kunsill esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal dan is-suċċess u sar qbil li nikkuntatjaw lil Kunsill Lokali Għarb li huwa l-lead partner biex invaraw il-proġett.

3.5 Is-Sindku rrefera wkoll għall-applikazzjoni l-oħra tal-Unjoni Ewropea li saret bejn Tolfa u l-iskola tal-Institute of Tourism Studies, Qala. Għal din l-applikazzjoni għad ma għandna l-ebda konferma. L-istess jgħodd għall-Proġett tal-Wied li applikajna taħt Italia-Malta u li ghalih ukoll għad ma għandniex konferma.

3.6 Is-Sindku rrefera wkoll għall-istedina li saret mill-Comune ta' Tolfa għall-avveniment li ser isir Tolfa fit-2 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel li peress li hija *short-notice* ħadd ma jista jattendi.

3.7 Is-Sindku għamel referenza għall-kuntatt li għamel miegħu il-Perit Godwin Sultana għal żjara li saret b'sorpriża mill-MEPA fil-kamra tal-Club tal-Boċċi minħabba permessi ta' żvilupp. Il-Perit staqsa jekk din tistax tidħol fid-DNO ta' Bethlehem. Il-Kunsill qabel li ma għandux jidħol f'din il-kwistjoni.

3.8 Is-Sindku rrefera għall-ilment li daħallu mingħand Joe Muscat tal-Gozo Tourist Association rigward id-decking tax-Xatt l-Ahmar. Huwa semma' li dan l-ilment tmexxa' mad-Direttorat tat-Turiżmu u dak tal-EcoGozo u jidher li ser jieħdu ħsiebu.

3.9 Is-Sindku rrefera wkoll għall-istedina mingħand Roger Mamo rigward il-preżentazzjoni tal-għeluq tal-kors "Għaqal id-Dar" li ser issir fiċ-Ċentru Parrokjali t'Għajnsielem nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017 filgħaxija.

## 4.0 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

4.1 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex il-Kunsill bħal ta' kull sena jisponsorja l-premijiet tal-Kompetizzjoni tal-kampjonat tal-Snooker 2017. Il-Kunsill qabel ma' dan.

4.2 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab ukoll sabiex bħala Kunsill nibgħatu ittra lill-Ministru għal Għawdex Onor Justyne Casruana fejn nifirħulha għall-ħatra tagħha u nitolbu sabiex tinżamm laqgħa magħha. Sar qbil li għandu jintalab appuntament.

4.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li hemm ħafna alka fil-bajja taż-Żewwieqa wara l-mall u li jinħtieġ li jitnaddaf. Sar qbil li għandna nerġgħu nibgħatu din it-talba lis-sezzjoni tat-Tindif tal-Bajjiet.

4.4 Il-Kunsillier Peter Caruana talab sabiex jitnaddaf it-tarag ta' ħdejn il-Grand Hotel. Tressqet il-proposta wkoll li anke dan it-tarag jixraq li jsir bil-*mosaic* kif ukoll it-taraġ ta' Lourdes.

4.5 Is-Sindku semma' li l-*mosaic* f'Għajnsielem intlaqa' tajjeb ħafna u li bħala Kunsill għandna nkomplu nespandu fuqu. Filfatt huwa propona li nibdew billi nirranġaw it-traffic island ta' Triq Wied ir-Rgħajjes u wkoll madwar is-siġra ta' Cordina Street. Sar qbil li nqabbdu l-perit jagħmlilna disinn biex nibdew ta' Wied ir-Rgħajjes. Sar qbil li għandna nwaqqfu team ta' nies li jgħinu fit-twettiq tal-mosaic taħt id-direzzjoni ta' Mary Portelli.

4.6 Is-Sindku rrefera għall-hajt li hemm int u nieżel għal Fuq il-Għajn u li jinħtieġ li jittranġa. Il-problema hija li dan huwa tal-privat.

4.7 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-problema li qed tinħoloq fix-Xatt l-Aħmar billi l-karozzi jibqgħu neżlin fuq ir-ramel. Sar qbil li għandhom isiru żewġ bollards li jkunu jistgħu jinqalgħu. Dawn għandhom isiru fejn hemm ir-rampa u fejn hemm il-kamra magħrufa "Tal-Isqof".

4.8 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal blata li qed tinqata' ħdejn is-sellum fix-Xatt l-Aħmar u li jinħtieg li titranġa.

4.9 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ħtieġa ta' charcoal bins fejn hemm id-decking fil-Belvedere tax-Xatt l-Aħmar u wkoll jitpoġġew oħrajn fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar.

4.10 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ħtieġa li jinbidlu l-*welcome signs* tal-lokal mingħand l-HSBC.

4.11 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi staqsa meta ser tinbeda l-bankina li ilha mitluba żmien fi Triq iż-Żewwieqa. Is-Segretarja kkonfermat li tinsab l-ewwel fil-lista.

4.12 Il-Kunsilliera Karen Xuereb talbet sabiex isir ftit *cement* mar-rampa ta' Maria fi Triq Baħħara.

4.13 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex tittranġa bankina ta' Tona Azzopardi fi Triq Cordina. Din jinħtieg li tinqala' mill-ġdid u titbaxxa.

4.14 Il-Viċi Sindku talab ukoll sabiex fi Triq il-Qigħan u preferibilment fit-toroq l-oħra, kull fejn inqata' l-ħaxix isir naqra *cement* biex nevitaw li jibqa jitla l-ħaxix.

4.15 Il-Viċi Sindku rrefera għar-radam illegali li qed isir fil- Wied tal-Gudja u talab jistax isir xi tip ta' moniteraġġ anke permezz ta' *camera*. Sar qbil li għandna nassiguraw li malajr kemm jista jkun tinxtara l-karozza u l-*camera*.

4.16 Ġiet approvata sabiex isiru *double yellow lines* taħt il-każin peress li qed tinħoloq problema ta' parkeġġ minn meta ġiet introdotta is-sistema l-ġdida ta' Traffic Management.

4.17 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex nibgħatu reminder lil Perit biex jippreparalna t-Traffic Scheme għal No Heavy Vehicles fil-parti l-antika ta' Għajnsielem.

4.18 Is-Sindku rrefera għar-rampa ta' Michael li hemm fil-Pjazza Indipendenza. Huwa semma li dan talab saibex ir-rampa titneħħa u jsiru żewġ rampi faċċata ta' xulxin. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw il-Perit biex joħroġ bl-aħjar soluzzjoni.

4.19 Il-kunsillier Larry Buttigieg ġibed l-attenzjoni sabiex isir xi tindif ta' ħaxix mill-passaġġi u l-għelieq f'Ta' Passi.

4.20 Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għall-ħmieġ li fih il-bridge f'Ta' Passi u li jinħtieġ li jinħasel ħasla bil-*pressure washer*. Is-Sindku propona li wara jinżebaħ biż-żejt tal-kittien.

4.21 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex inressqu t-talba lit-Taqsima Indafa tal-Bajjiet biex inaqqsu l-alka mix-Xatt l-Aħmar.

4.22 Is-Sindku rrefera għad-*double yellow lines* li konna għamilna fi Triq Cordina peress li Christiana Xuereb kienet qed issib diffikulta biex toħroġ bit-trakk tal-ħaxix mir-residenza tagħha. Huwa semma' li waslitlu nformazzjoni li din ma għadhiex topera bit-trakk u għalhekk il-ħtieġa tad-*double yellow lines* ma

għadhiex tapplika. Sar qbil li għandna nikkuntatjawha b'din l-informazzjoni biex filkaż inneħħuhom.

4.23 Is-Sindku rrefera għat-telqa li hemm ħdejn il-Belvedere ta' Sant'Eliju. Sar qbil li għandna nnaddfuh u nirrangawh kif nistgħu.

4.24 Is-Sindku rrefera għal ħajt tas-sejjieħ fix-Xatt l-Aħmar sabiex jitkompla. Sar qbil li dak ix-xogħol aħjar jitħalla għax-xitwa.

4.25 Is-Sindku rrefera għal fatt li t-tim tal-futbol tal-iskola rebaħ il-kampjonat u huwa propona li ntuhom medalja bħala tifkira. Sar qbil ukoll li rikonoxximent għħndu jingħata lil Jacob Zerafa li rebaħ il-kampjonat tal-BMX. Sar qbil li dawn it-tifkiriet għandhom jingħataw fis-serata tat-talent lokali ta' Għajnsielemfest.

4.26 Il-kunsillier Larry Buttigieg issuġġerixxa li jsiru xi attivitajiet fis-sajf fix-Xatt l-Aħmar fosthom il-ġostra. Is-Sindku semma wkoll li huwa għandu f'moħħu li jagħmel *zipline* minn Chambray għal fuq is-*slipway*.

4.27 Il-Kunsill qabel li għandna nagħtu *s-sealer* lill-irħam tal-funtana tal-pjazza tad-dehra. Sar qbil li għandna nimxu mal-istima provduta mill-kuntrattur Joe Grima għall-prezz ta' €960.

4.28 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex l-Għaqda tan-Nar jitħallsu tas-security service li offrew għal Bethlehem f'Għajnsielem.

## 5.0 Korrispondenza u Rapporti

5.1 Ġiet trattata t-talba sabiex tiġi nstallata lampa ġdida ħdejn il-gabbana li hemm qrib il-Heliport. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li għandu lista kbira ta' talbiet pendenti fil-qalba tal-lokal u l-area msemmija mhijiex area urbana u jidhirlu li hija mdawwla biżżejjed.

5.2 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Malta Olimpic Committee rigward il-Queen's Baton Relay. Il-Kunsill qabel li għandu jinfurmahom li jinteressah li jaccetta li l-Baton iżżur il-lokalita' tagħna.

5.3 Ġiet trattata t-talba mingħand Martin Xerri sabiex isir xi *patching* fi Triq Malta. Sar qbil li naraw x'inhu meħtieġ u nagħmluh.

5.4 Ġiet trattata t-talba mingħand Michelle Spiteri sabiex isir *railing* fuq il-bankina ta' Buttigieg House fi Triq Għajnsielem biex ommha anzjana tkun tista żżomm magħha biex titla l-bankina. Sar qbil li r-railing għandu jsir b'tali mod li ma jagħlaqx l-aċċess tal-bankina.

5.5 Ġiet trattata it-talba mingħand is-Sur John Dingli sabiex isiru parking bays f'parti minn Triq Cordina. Sar qbil li għandna nieħdu parir dwarhom.

5.6 Ġiet trattata t-talba mingħand John Farrugia biex titneħħa il-one way ta wara il-knisja fejn il-maħzen ta l-armar jew jitħallew jgħaddu il-buses biss. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba u qabel li għandu jibqa kollox kif inhu.

5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand Maria Mercieca rigward problema ta' ħamiem li qed jiġi fil bitħa tar-residenza tagħha fi Triq Sant Antnin u qed iħammeġ kull m'hemm. Sar qbil li għandna niċċekjaw jekk hemmx xi azzjonijiet li jistgħu jittieħdu dwar dan.

5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand ir-Redcoats Għajnsielem sabiex il-Kunsill jikkollabora fir-rapprezentazzjoni li ser jagħmlu barra l-pajjiż. Il-Kunsill qabel li għandu jghinhom billi jipprovdilhom it-trasport lejn l-ajruport u lura.

5.9 Ġiet trattata l-proposta ta' Valletta 2018 dwar "Oħloq Kultura". Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa.

5.10 Ġiet trattata t-talba mingħand l-Enemalta biex iqattgħu trinka għas-*substation* li għandhom fi Triq Malta. Bħala proposta l-Kunsill qabel li għandhom jgħadduha lejn Triq Hamri. Sar qbil li ssir kundizzjoni li fejn titqatta' fi Triq Malta tinkesa kollha peress li Triq ġdida u Triq Hamri tinkesa b'wisgħa ta' *paver* ta' 2.4 metri.

**6.0 Wara l-evalwazzjoni tal-offerta tal-knis**

6.1 Saret referenza għar-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta fejn irriżulta li l-ebda offerta ma' kienet kompatibbli. Sar qbil li l-offerta għandha terġa tinħareġ mill-ġdid.

**7.0 Proġett tal-Pjazza Tolfa**

7.1 Is-Sindku fisser kif Paul Stellini qed jaħdem fuq id-disinn tal-proġett u kellu jiġi fil-laqgħa biex jagħti deskrizzjoni tiegħu iżda ma setax ikun preżenti.

**8.0 Proġett tal-Playing Field**

8.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Perit tal-proġett Godwin Sultana. Huwa sodisfatt ħafna bix-xogħol li qed jagħmel. Semma' li ser tiġi nkluża lattrina pubblika u li l-ħitan tagħha ser jiġu trasformati f'attrazzjoni ta' logħob. Il-pjan ser ikun jinkludi wkoll outdoor gymn, picnic area u ħafna ħdura. Sar qbil li meta jkunu lesti l-pjanti għandna ngħadduhom lid-Direttorat tal-EcoGozo biex jgħin f'dan il-proġett anke fil-bini ta' *water reservoir*. Sadanittant il-Perit ser jiċċekja mal-MEPA jekk jinħtieġux permessi ta' żvilupp jew jekk nkunux koperti permezz ta' DNO.

## 9.0 Tender tat-Toroq Żewwieqa/Ħamri

9.1 Rigward is-sottomissjonijet għal din l-offerta, il-Kunsill qabel li għalissa iżommhom *on-hold* sakemm jara li tinħareġ il-*policy* il-ġdida tal-gvern għat-twettiq ta' toroq ġodda.

## 10.0 Tisbieħ quddiem it-taraġ tal-mosaic

10.1 Il-Kunsill qabel li għandu jimxi mal-istima provduta minn Casa Restauro Ltd sabiex isir xogħol ta' *printed concrete* ħdejn it-taraġ tal-*mosaic*. L-istima total ta' xiri ta' materjal li jsir personalment mill-Kunsill u x-xogħol li jsir minn Casa Restauro ser jammonta għall-prezz totali ta' €3648.

10.2 Rigward id-dawl meħtieġ għal dan is-sit, il-Kunsill kiseb stima ta' option mingħand Galeacurmi li tammonta għal €2700. Il-Kunsill ra li hija eżaġerata għal żewġ fleudlights u għalhekk għandna nitolbu stima lil kuntrattur Richard Cauchi għal *option* ferm anqas.

## 11.0 Sitwazzjoni tal-annimali f'Bethlehem

11.1 Is-Segretarja rreferiet għall-ispejjes kbar li qed tinvolvi ż-żamma tal-annimali f'Ta' Passi matul is-sena kollha. Il-Kunsill irreveda ftit l-ispejjes involuti u qabel li għandna nassiguraw li ma jinqabiżx l-ammont ta' €100 fix-xahar bħala għalf għall-annimali li għandna li jinkludu ħmara, tiġieġ u papri. Sar qbil li għandna nżommu kemm jista jkun kontroll tal-infieq tagħhom.

## 12.0 Ġita f'Settembru

12.1 Il-Kunsill iddiskuta l-organizazzjoni ta' ġita barra minn Malta f'Settembru. Sar qbil li bħala post nagħzlu Sqallija u norganizzaw ġita qasira ta' ftit jiem immirata lejn l-anzjani. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lis-Sur Mario Spiteri għall-organizzazzjoni professjonali ta' din il-ġita.

## 13.0 Tolfarte 2017

13.1 Is-Sindku rrefera għat-talba li għamlu l-Comune di Tolfa sabiex il-Kunsill ikun rapprezentat f'Tolfarte 2017 anke permezz ta' grupp ta' artisti li jesponu x-xogħol tagħhom f'din l-attivita' internazzjonali. Il-Kunsill iddiskuta din l-offerta u sar qbil li għandu jifforma grupp ta' artisti minn Għajnsielem fejn jagħmlu xi pittura minn tagħhom. Sar qbil ukoll li parti mill-grupp għandna ntellgħu lill-artista tal-mosaic Mary Portelli u xi *helpers* minn Għajnsielem li għinuha fil-proġett tat-taraġ. Sar qbil li peress li l-ispiża tal-biljetti tal-ajru hija ftit għolja, l-Kunsill għandu jżomm il-*budget* ta' bejn €1000 u €1500 għal dawn il-

partecipanti. Sar qbil li s-Sindku u l-Viċi Sindku għandhom jakkumpanjaw dan il-kontinġent.

**14.0 Għajnsielemfest 2017**

14.1 Il-Kusill qabel li bħala dati għandu jżomm id-dati tas-16 u 17 ta' Awissu. Sar qbil li l-attivitajiet għandhom jittellgħu fil-Pjazza tad-Dehra mid-9:00pm 'l quddiem. Sar qbil li fil-Playing field għandha tiġi organizzata Kids Playing Area permezz ta' *bouncing castles*. Sar qbil li għas-serata tas-16 t'Awissu għandna nistiednu lil Cash & Band jew Travellers u għas-serata tas-17 t'Awwissu għandha tiġi allokata għat-talent lokali. Bħala preżentatur sar qbil li għandna nistiednu lil Renato u bħala mistiedna specjali għandna nikkuntatjaw lil Claudia Faniello.

**15.0 Approvazzjoni tal-Financial Statements**

15.1 Is-Segretarja preżentat l-Financial Statements finali kif amendati mill-Awdituri. Il-Kunsill approvahom.

**16.0 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-pagamenti**

16.1Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

**17.0 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

17.1 Il-laqgha ntemet fit-8:30 ta' filghaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 31 ta' Lulju 2017 fl-4:30pm.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**